MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 229/2007

Il-Pulizija
(Spt. A.P. Miruzzi)
Vs
Paul Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fid-19 t'April, 2002, mal- wasla tieghu fil-mitjar Internazzjonali ta' Malta mat-titjira KM 695 minn Tripli, Libja, xjentement naqas li jiddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana, billi ghadda mill-Green Channel b'zewg (2) Eagle Owls (Bubo bubo), liema l-importazzjoni taghhom hija projbita w/jew ristretta. Dawn ghandhom il-valur totali ta' LM300.00,0, dazju xejn, u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal LM45.00,0, liema taxxa ma gietx imhallsa w/jew kawtelata w dan bi ksur ta' l-Artikolu 60(a)(b)(c)(k), l-Artikolu

62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(l)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, kif ukoll A.L. 44/1982, u l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. nru. XXIII – 1998);
2. fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/93, kemm-il darba ma jippruvax li dak l-ghasfur, jew parti minnu, kien importat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maqful jew li kien registrat mad-Dipartiment skond il-paragrafu (5) tar-regolamenti 17 ta' dawn ir-regolamenti, u aktar talli fl-istess data, hin,  post u cirkostanzi importa jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur haj jew mejjet, jew parti ta' xi ghasfur li ma huwiex imsemmi fl-Iskedi I, II jew III tar-regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-ghasafar u l-Fenek Selvagg A.L. 146/93, kemm-il darba ma jippruvax li dak l-ghasfur kien importat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq, u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi importati ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, meta ma humiex imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw, u huma protetti fil-pajjiz ta' l-origini taghhom, u li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda mhux awtorizzata w dan bi ksur ta' A.L. 146/1993 Art 12 (1)(2)(3);
3. fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, zamm jew qafel ghasfur f'gagga jew recipjent iehor li ma jkunx kbir bizzejjed biex l-ghasfur ikun jista' jiftah gwenhajh b'mod hieles u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Art 16(a);
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma kellu fil-pussess tieghu kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dak l-ezemplari, mporta l-istess speci li hija proteta fil-pajjiz mnejn origina, minghajr licenzja ta' esportazzjoni, mporta l-istess speci mhux kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta' Fawna w Flora Selvagg, naqas li zamm kull licenzja permess jew certifikat, sakemm dawk l-ispeci kienu taht il-kontroll tieghu u dan bi ksur ta' A.L. 19/1992 Art 6 (1)(2), 7(3) u 8.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 6(1)(2), 7(3) u 8 tal-A.L. 19/1992 u 16(a), A.L. 146/93, filwaqt li ma sabitx lill-appellat hati tar-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana w minnhom illiberatu peress li mhux applikabbli, sabet lill-appellat hati tar-reati dwar il-pussess ta’ tjur protett fl-isfond ta’ l-Artikoli w Avvizi Legali fuq imsemmija w ikkundannatu ghal multa ta’ mitejn u hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM225) u ordnat il-konfiska tat-tjur imsemmija f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn imponiet il-piena ta’ LM225 u ordnat il-konfiska tat-tjur u s-sejba ta’ htija dwar ir-reati ta’ pussess ta’ tjur protetti izda tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellat mir-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana w minflok tiddikjarah hati wkoll ta’ dawn ir-reati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Avukat Generali hu s-segwenti :- li l-Ewwel Qorti naqset li ssib htija dwar ir-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana w injorat in parte l-ammissjoni tal-appellat ghall-akkuzi kollha u meta giet biex tapplika l-insenjament fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Francis Camillerti et." deciza fl-4 ta' Mejju, 2007, ghamlet dan b' mod zbaljat. Dik il-Qorti kienet ikkonfermat is-sejbien ta' htija inkluzi r-reati tad-Dwana pero', minnflok il-piena indikata fl-Ordinanza tad-Dwana, applikat il-piena partikolari u cioe' dik indikata fl-Avviz lgali 19/1992 u l-Avviz Legali 146/1993 peress li l-proviso ( c ) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta hekk jipprovdi. Dan il-kaz huwa simili ghal dak citat u fil-fatt kwantu ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti, din hija korretta. Li kien skorett kien il-pronunzjament tal-Ewwel Qorti fejn illiberat mir-reati tad-Dwana. L-Ewwel Qorti kellha ssib htija fuq ir-reati kollha, inkluzi tad-Dwana, kif del resto gew ammessi mill-appellat.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fl-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum li bih l-appellat aderixxa ghall-appell tal-Avukat Generali.

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-ilment tieghu. F' dan il-kaz l-appellat ammetta l-akkuzi kollha li kienu jikkomprendu kemm reati li jaqghu taht il-Kap.37 (Ordinanza tad-Dwana) kif ukoll taht l-Att XXIII tal-1998 (Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kif ukoll dawk li jaqghu taht l-Avvizi Legali li jirrigwardaw ir-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg. (A.L. 146/1993 u
A. L. 190/1992).

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Mario Ellul"** [9.8.2007]:

"Il-proviso ( c ) tal-artikolu 62 tal-Kap. 37 jghid testwalment :-
***"<u>Il-pieni</u> imposti b' dan l-artikolu ma ghandhomx jappikaw fil-kaz ta' reat li jkollu x' jaqsam ma' importazzjoni ta' oggetti kontrarjament ghal projbizzjoni jew restrizzjoni <u>meta jkun hemm piena espressament ghal dak ir-reat bil-ligi jew att iehor li jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni</u>"(Sottolinar ta' din il-Qorti).***

"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Francis Camilleri et."** [4.5.2007] minn din il-Qorti diversament preseduta :-

"l-*imsemmi proviso huwa car u ma jhalli ebda dubju li f' dan il-kaz il-pieni kontemplati fl-artikolu 62 tal-Kap.37 mhumiex applikabbli galadarba l-Avviz Legali 19/1992 u anki l-Avviz Legali 146/1993 jipprovdu espressament ghall-projbizzjoni ta' l-importazzjoni tat-tjur ossia glud in kwistjoni u l-pieni relattivi dwarhom."*

Minn dan johrog car pero'  li l-**pieni** kontemplati fil-Kap. 37 (u ergo wkoll dawk kontemplati fl-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) **biss** mhumiex applikabbli fejn tinstab htija ta' reati ohra li jinvolvu l-projbizzjoni ta' importazzjoni jew restrizzjoni tal-istess importazzjoni w jkun hemm pieni espressi ghal dawk ir-reati b' ligi jew xi att iehor, imma r-rejita' tibqa' tissussisti, kif del resto tissussisti f' kaz ta' konkors ideali jew formali ta' reati fejn tigi applikata piena wahda, jew fil-kazijiet  fejn japplika l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 .

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali hu fondat fil-ligi u qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali  billi tiriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu li jirrigwardaw il-pussess ta' tjur protett fl-isfond tal-artikoli w l-Avvizi legali imsemmija fis-sentenza (u cioe' tat-tieni, tat-tielet u r-raba' akkuzi li jaqghu taht ir-regolamenti 6 (1)(2), 7 (3) u 8 tal-Avviz Legali 19/1992 u 16(a) tal-Avviz Legali 146/1993) u fejn ikkundannat lill-appellat ghal multa ta' Lm225 u fejn ordnat il-konfiska tat-tjur imsemmija fil-kaz, u tirrevokaha fejn ma sabitx lill-appellat hati tar-reati komprizi fl-ewwel imputazzjoni w minnhom illiberatu peress li mhumiex applikbbli, w minnflok issib lill-appellat hati ukoll tal-ewwel imputazzjoni w cioe' dik li tikkomprendi r-reati bi ksur ta' l-artikolu 60 (a)(b)(c)(k) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Ordinanza Dwar id-Dwana, Kap.37 kif ukoll l-Avviz Legali 44/1982 u l-artikolu 80 ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII tal-1998) pero' , in vista tal-proviso kontenut fl-artikolu 62 (c) tal-Kap.37 fuq citat, ma tapplikax piena ghal dawn ir-reati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------